# Tribunal Industrijali

## Deċiżjoni Nru: 2641

**Każ Nru : 3549/ET**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Sarah Spiteri (KI Nru. 228677(M)**

**u**

**San Filippu Pharma Limited**

**(C-42878)**

Illum : 5 ta’ Dicembru, 2019

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

**Introduzzjoni u Dikjarazzjonijiet tal-każ:**

B’dikjarrazjoni ppreżentata fir-reġistru tal-Qrati Superjuri fid-19 t’April, 2017, permezz ta’ l-Avukat Carlos Buġeja, ir-rikorrenti ddikjarat kif ġej:

Ir-rikorrenti kienet ġiet impjegata minn Ms. Audrey Gauci għan-nom ta’ Mediatrix Plus Pharmacy, fuq bażi *full-time* b’kuntratt datat 22 ta’ Diċembru, 2014, fil-pożizzjoni ta’ Managing Pharmacist b’salarju ta’ €24,000 fuq bażi ndefinita.

Fil-15 ta' Jannar, 2017 in-negozju minn Mediatrix Plus Pharmacy ġie meħud mis-socjeta'' ntimata. Dan it-trasferiment kien tan-negozju sħiħ bil-ħaddiema b'kollox.

Illi eżattament kif is-socjeta' ntimata assorbiet dan in-negozju, qabdet bla raġuni u tterminat l-impjieg tar-rikorrenti. Dan wara *e-mail* datata 17 ta' Jannar, 2017, minn rappreżentant tas-socjeta' ntimata li kien hu stess li kien qal lir-rikorrenti li s-socjeta' se tassumi l-obbligi kollha illi l-*employee* preċedenti kellu lejn il-ħaddiema. Qalilha wkoll illi qed jitterminalha l-impjieg abbażi tal-klawżola 10 tal-kuntratt ta' mpjieg oriġinali. Illi jirriżulta li klawżola 10 tiddefinixxi biss il-perjodu tan-notice u bl-ebda mod ma tgħid illi min iħaddem jista' jaqbad u jittermina l-impjieg mingħajr raġuni ġusta fil-Liġi.

Illi din ir-raġuni qatt ma tista tiġi pruvata għaliex ir-rikorrenti lanqas biss talbet u ingħatat iċ-ċans taħdem qas jum wieħed biss mas-socjeta' ntimata.

Illi ċertament it-tkeċċija żgur ma kinitx għal xi forma ta' *redundency* għaliex ftit jiem qabel is-socjeta' ntimata kienet qed tirreklama *vacancies* għal *full-time Pharmacist* fl-okkażjoni tal-akkwist ta' spiżerija ġdida, l-istess waħda li kienet taħdem fiha ir-rikorrenti.

Illi huwa allura evidenti illi t-tkeċċija saret b'mod għal kollox arbitwarju, inġust u bi ksur tal-Liġi.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob li dan it-tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni kienet nġusta u li jingħata kumpens xieraq.

Fid-dikjarazzjoni tagħha s-socjeta' ntimata permezz tal-Avukati Aron Mifsud Bonniċi u Dr. Carina Testa iddikjaraw kif ġej:

Illi r-rikorrenti kienet impjegata għal tlett (3) xhur mas-socjeta' ntimata, fl-2013 bħala Pharmacist liema impjieg tterminatu hi stess.

Illi fil-15 ta'Jannar, 2017, is-socjeta' ntimata ħadet f'ideja n-negozju ta' Mediatrix Plus Pharmacy permezz ta' *transfer of business* b'waħda mill-impjegati tkun ir-rikorrenti.

Illi l-kuntratt li kellha kien jipprovdi li setgħa jiġi tterminat wara sena, bi preavviż ta' sitt (6) ġimgħat.

Illi klawżola 10 tgħid *'Six weeks notice is required by either side to terminate this agreement, and this after a minimum of one year'*

Illi s-socjeta' ntimata tterminat skont klawżola 10 u ħallset in-*notice* dovut.

Illi r-rikorrenti dehret li ma sabet l-ebda oġġezzjoni u anke rringrazjat u awgurat suċċess lis-socjeta' ntimata.

Illi għaldaqstant l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat għal raġunijiet ġusti u valida skond il-Liġi u li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

**Provi**

F' dawn il-proċeduri xehdu: Ms. Audrey Gauci – Ex Manager ta' Mediatrix Plus Pharmacy, Mr. Owen Falzon – Managing Director, socjeta' ntimata, Ms. Arlette Falzon Seychell - Direttriċi – San Filippu Pharma u l-mara tas-Sur Falzon, u r-rikorrenti. Ġew esebiti wkoll xi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjoni**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti mis-socjeta' ntimata kinitx ġusta u skont il-Liġi.

Dan każ ta' *transfer of business* u r-raġuni ta' terminazzjoni saret fuq klawsola 10 tal-kuntratt li r-rikorrenti kellha ma' Mediatrix Plus Pharmacy.

Din il-klawsola tgħid hekk *'Six weeks notice is required by either side to terminate this agreement, and this after a minimum of one year'*.

It-Tribunal eżamina ix-xhieda kollha. Il-kuntratt sar mis-Sinjura Audrey Gauci, li kienet l-ex kap tar-rikorrenti fil-Mediatrix Plus Pharmacy. Qalet li ġabitu minn fuq l-*internet* u li l-anqas kellha għarfien ta' proċeduri ta' terminazzjoni. Iżda qalet, li rigward klawsola 10 għamlet sitt (6) gimgħat *notice* ħalli jekk ir-rikorrenti tiġi biex tirriżenja jkollha żmien adekwat biex issib sostitut.

Is-Sur Owen Falzon, *Managing Director* ta' San Filippu Pharma qal li 'iddeċiedejna li nitterminaw skond klawsola 10 u deherlu li kellha tkun '*termination on probation'*. Qal li r-rikorrenti ħassew li kienet żejda ma' l-*istaff* li ġja kellu. Qal ukoll li kkonferma dan kollu ma' Ms. Audrey Gauci. Ikkonferma riklam li deher fit-12 ta' Jannar, 2017, għal spiżjara.

Ta' min jinnota li fuq id-dokumenti ta' *Jobs Plus*, ir-rikorrenti tidher impjegata mas-socjeta' ntimata fil-15 ta' Jannar, 2017, u tterminata fis-17 ta' Jannar 2017. Is-sur Owen Falzon ukoll xehed li ma fittex l-ebda parir eżempju tad-DIER.

Ma ġietx ippreżentata l-ebda ittra ta' tmiem l-impjieg lir-rikorrenti. Huwa minnu li f'email ir-rikorrenti rringrazzjat lis-socjeta' ntimata, iżda r-rikorrenti kellha kull dritt għal dan it-Tribunal, fit-terminu li tagħti l-Liġi.

Dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li l-mod kif saret it-terminazzjoni tar-rikorrenti hija nġusta u kontra l-Liġi.

Ir-rikorrenti kienet fuq kuntratt indefinit, bi żmien ta' prova għadda sew, u sabet ma wiċċa *transfer of business* fejn is-socjeta' ntimata tterminatilha l-impjieg wara jumejn fuq il-klawżola msemmija.

It-Tribunal fela l-klawżola li hija totalment marbuta ma' *notice period* estiż. Is-socjeta' ntimata ħadet vantaġġ min din il-klawsola u dawritha li hija xi klawsola ta' terminazzjoni kif fil-fatt ġara. Is-socjeta' ntimata kienet taf sew li bil-Liġi tat-*transfer of business* kienet marbuta li żżomm lir-rikorrenti fl-impjieg.

Allaħares impjieg jiġi tterminat b'dan il-mod u s-socjeta' ntimata għandha tagħraf kif timxi fuq dawn il-materji.

Għaldaqstant it-Tribunal jerġa jtenni li wara li eżamina s-sottomissjonijiet, ix-xhieda u d-dokumenti qed jiddeċidi li t-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti kienet inġusta u li hemm lok ta' kumpens.

Dan il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' tmien t'elef Ewro (€8,000) liema kumpens għandu jitħallas mis-socjeta' ntimata lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17.)

B’ hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja